(l) il-Barka tas-saċerdot f’isem il-Mulej Ġesu’ lil dawk preżenti: l-ewwel lill-ommijiet, imbgħad lill-missirijiet u fl-aħħar, lil dawk kollha li jkunu qed jassistu għal din iċ-ċelebrazzjoni.

1. Għalkemm dawn il-punti jkunu ġew spjegati lilkom mis-saċerdot jew il-koppja li jiġu jżurkom id-dar, tajjeb terġgħu tarawhom ftit qabel il-jum tal-Magħmudija biex tkunu tafu aħjar x’se jseħħ f’uliedkom permezz ta’ dan is-Sagrament.

2. Ftakru fir-responsabbilta’ kbira li għandkom bħala ġenituri, biex tagħtu eżempju tajjeb lil uliedkom ħalli jikbru bħala bnedmin, kif ukoll bħala nsara.

3. Aħna, bħala parroċċa, nawgurawlkom ħafna, u nkomplu ngħinukom permezz tal-formazzjoni li noffru kemm lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal. Għalhekk nittama li aktar ‘il quddiem tħabirkulhom għad-duttrina sabiex jirċevu s-sagramenti, fosthom it-Tqarbin u l-Griżma tal-Isqof.

4. Nagħmlu appell biex kulħadd jiġi liebes b’mod deċenti. Kemm l-omm kif ukoll il-parrina u jekk se jkun hemm xi mistednin, għandom jiġu b’ilbies adatt għat-Tempju tal-Mulej.

5. Fl-Uffiċċju Parrokkjali ingħatjtu *envelope* għall-offerta tagħkom. L-offerti jservu biex il-parroċċa tkun tista’ tmexxi ‘l ħidma pastorali tagħha fil-komunita’ tagħna. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożita’ tagħkom.

6. Min ikollu xi diffikulta’ tajjeb jiddiskutiha mal-Arċipriet minn qabel (mob. 79274587).

Inselli għalikom,
Dun Evan Caruana
Arċipriet

***Parroċċa Madonna tal-Grazzja – Ħaż-Żabbar***

## LILL-ĠENITURI LI SE JGĦAMMDU LIL ULIEDHOM FIS-SANTWARJU

Għeżież,

Nixtieq nifirħilkom li se twasslu lil uliedkom biex jirċievu l-Magħmudija. Din hi grazzja li qed jagħtikom il-Mulej bħala familja. Tajjeb għalhekk tifhmu li intom se tidħlu garanti għall-fidi tagħhom sakemm dawn jikbru u jaslilhom iż-żmien li jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Dakinhar ikunu huma li jikkonfermaw dak li qegħdin tagħmlu intom għalihom illum.

Se nagħtikom xi punti biex jgħinukom għal dak in-nhar tal-Magħmudija:

1. Il-Maghmudija tinghata waqt celebrazzjoni tal-Kelma t’Alla. Ikun hemm siltiet mill-Iskrittura inkluż il-vanġelu, l-omelija, ir-Rit propju tal-Magħmudija u l-Barka tal-ġenituri.

2. Kunu l-knisja mill-inqas kwarta qabel ma tibda ċ-ċelebrazzjoni. Ikollkom bank rizervat għalikom fuq quddiem, jiġifieri għall-omm, il-missier u ż-żewġ parrini.

3. Ġibu magħkom xall abjad, maktur biex tixxuttaw xagħar it-tarbija, id-*dummy* kif ukoll il-*bottle*. Jekk it-tarbija tibki fit-tul u jkollha bżonn tixrob tistgħu tidħlu biha fis-sagristija. Araw li tkun msaħħna sew, speċjalment fix-xitwa.

4. Jekk għandkom tfal żgħar ħafna u taħsbu li ma joqogħdux kwieti fil-knisja, ippruvaw ħalluhom id-dar ma’ xi ħadd għax inkella jtellfukom waqt iċ-ċerimonja.

5. L-aktar importanti li jkunu preżenti huma l-ġenituri, it-tarbija u l-parrini. Jekk se tistiednu xi nies oħra araw li dawn jiġu biex jipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjoni u mhux biex ikunu biss spettatturi. Il-qraba jew ħbieb għandhom jaraw li jiġu bi spirtu ta' talb mhux għall-kurżita'.

6. Jista' jkun hemm parrinu wieħed biss. Jekk se jkun hemm tnejn, dawn għandhom ikunu raġel u mara għax qegħdin jirrappreżentaw lill-ġenituri. Ma jistax ikunu aktar minn tnejn. Araw li l-parrini li tagħżlu jkunu ta' karattru eżemplari u ta' ħajja nisranija tajba. Iridu jġibu nota ta' idoneita' minn għand il-Kappillan ta' fejn joqgħodu.

7. Għall-Magħmudijiet komunitarji jkollna fotografu mqabbad mill-parroċċa biex ikollna aktar ordni. Tifhmu li mhux possibbli jkollna diversi fotografi jduru mal-knisja għax itellfu l-ġabra. Tistgħu tiftehmu mal-fotografu biex tiġbru r-ritratti minn għandu. Għall-Magħmudijiet privati, il-ġenituri jkunu jridu jaħsbu għall-fotografu huma.

8. Nippruvaw li ma ndumux ħafna biex jittieħdu r-ritratti wara ċ-ċelebrazzjoni. Tajjeb ukoll li nżommu s-skiet fil-knisja waqt li jkunu jittieħdu r-ritratti.

9. **L-Ordni tal-Magħmudija jkun hekk:**

(a) ir-Rit tal-bidu: għoti tal-isem u s-salib fuq xbin it-tarbija mill-ġenituri u l-parrini. It-tarbija tagħkom se tgħix ħajjitha fid-dell tas-salib li jwassal għall-glorja;

(b) qari u spjega tal-Kelma t'Alla;

(c) wara l-omelija ssir it-talba hekk imsejħa tal-Eżorċizmu u d-dlik biż-żejt tal-Katekumeni (hawn tifthu l-libsa mal-għonq tat-tarbija). Kull tarbija li titwieled tibda tifforma parti mill-ġeneru uman li hu ferut bis-suppervja u l-egoiżmu (dak li jissejjaħ *id-dnub tan-nisel).* Permezz ta' din it-talba u d-dilka, it-tarbija se jkollha l-opportunita' li tagħżel dak li hu tajjeb bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu;

(d) tberik tal-ilma fil-fonti. Il-fonti li hu forma ta' ġuf, iwelled "trabi ġodda fil-fidi";

(e) iċ-ċaħda tax-xitan u l-għemejjel tiegħu kif ukoll l-istqarrija tal-fidi fit-Trinita' Qaddisa mill-ġenituri: fil-Missier li joħloq, fl-Iben li jifdi u fl-Ispirtu li jqaddes;

(f) il-Magħmudija propja bit-tiswib tal-ilma u bil-kliem "Jiena ngħammdek….";

(g) l-aċċettazzjoni tat-trabi fil-komunita' tagħna b'akklamazzjoni minn dawk preżenti ġeneralment b'ċapċipa;

(h) id-dilka tal-qorriegħa tar-ras biż-żejt tal-Griżma (imħallat bil-balzmu). Dan iż-żejt li jiġi kkonsagrat nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu jfisser li min jindilek bih se jiġi kkonsagrat - mogħti kollu kemm hu lil Alla biex jagħrfu, iħobbu u jaqdih. Il-balzmu li hu fwieħa, ifisser li n-nisrani jrid ifewwaħ l-ambjenti li jkun fihom bil-ħajja korretta tiegħu;

(i) l-għoti tal-libsa l-bajda. Din tfisser li t-tarbija issa se tibda tgħix il-ħajja tal-grazzja msaħħa mill-ġenituri. Hi ġiet 'imlaqqma' fil-Mulej Ġesu' biex tibda tgħix il-ħajja tiegħu. Ġeneralment, il-parrina tlibbes ix-xall lit-tarbija;

(j) il-missier, bħala rappreżentant tal-familja, jixgħel ix-xemgħa mill-Blandun. Din ix-xemgħa kbira ġiet dekorata u mixgħula fil-Vġili tal-Għid u tfisser id-dawl ta' Kristu Rxoxt. Kull bniedem, inkluż it-tarbija tagħkom trid tgħix f'dan id-dawl u anke twassslu lill-oħrajn;

(k) is-saċerdot imiss il-widnejn u l-fomm tat-tarbija u jgħid il-kelma "Effetah". Din hi kelma Griega li tfisser "Infetaħ". Aktar 'il quddiem, il-widnejn tat-tarbija jridu jinfetħu għall-Kelma t'Alla u tistqarr lill-Mulej Ġesu' mhux biss b'fommha iżda b'ħajjitha kollha;